KLR 26/VIII/2021

Minuti tal-laqgħa li nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex nhar il-Ġimgħa, 17 ta' Settembru, 2021 fil-17:00.

PREŻENTI: Is-Sindku Josef Schembri, il-Viċi Sindku Brian Azzopardi, il-membri Michel Buttigieg, Joseph Debrincat u Charlie Hili u s-Segretarju Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻATI: il-membri Marcell Tabone u Maria Portelli.

**26.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Wara t-talba ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**26.2 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku għarraf lill-membri li:-

26.2.1 reġgħet inħarġet l-iskema 'Fondi LESA – Proġetti fil-Komunitajiet (Proġetti 2022)';

26.2.2 ġiet ikkuntatjatha l-avukat tal-Kunsill sabiex titħejja l-*bye law* li permezz tagħha fir-Rabat ikun jista' jsir il-kontroll tal-ħamiem selvaġġ kif proposta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali;

26.2.3 il-Kunsill ma ntgħażilx bħala l-'Belt Kulturali tas-Sena 2022'. Din l-espressjoni ta' nteress nħarġet mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali;

26.2.4 r-rotta ta' 'The President's Solidarity Fun Run 2021 li ser issir fl-14 ta' Novembru 2021 ser tkun tibda mill-parkeġġ tal-isptar, tgħaddi minn Triq Repubblika u tispiċċa fejn l-akwadott ta' Triq ta' Pinu;

**26.3 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Tressqet korrispondenza mingħand:-

26.3.1 id-Direttur Ġenerali fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex fejn ġie aċċertat li l-garaxx li ser ikun hemm fil-piċċ tal-boċċi fi Triq it-Tabib Anoton Tabone, ser ikun għall-użu tal-Kunsill;

26.3.2 id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali, Ċirkulari SPI/SCI/16/2021 rigward l-'Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Milied 2021';

26.3.3 Jes Xuereb Direttur, MIEMA dwar il-'Patt għall-Agrobiodiversita' għal Għawdex fi ħdan il-proġett '*Greenchange*'. Il-membri qablu li l-Kunsill ikun parteċipi;

26.3.4 il-membri qablu li l-Kunsill jgħin fil-loġisitka tal-'Festival Gaulitana Live Events' u m'għandiex tinqabeż is-somma ta' €800;

26.3.5 id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali fejn intbagħat il-'Performance Report' għas-sena 2020 li jirrigwardja l-ġbir tal-iskart domestiku;

26.3.6 Kurt Farrugia, Supretendent tal-Wirt Kulturali, fejn bagħat risposta fuq l-ittra li l-Kunsill kiteb fir-rigward tas-sitwazzjoni ta' Pjazza San Ġorġ peress li ġiet maħnuqa bl-imwejjed, siġġijiet w umbrellel tal-istabilimenti tal-ikel. Farrugia ssuġġerixxa li l-Kunsill jitkellem ukoll mal-Awtorita' tal-Ippjanar peress li d-deċiżjoni finali tal-permessi tal-imwejjed u s-siġġijiet hi f'idejn din l-Awtorita'.

26.3.7 Glorianne Grima fi ħdan l-'*Active Ageing Unit*' fejn qed tiġi proposta attivita' għall-anzjani fl-okkażjoni ta' Jum l-Anzjan'. Billi s-sala tal-Kunsill mhix aċċessibli għas-siġġu tar-roti, l-membri qablu li jiġi propost li din l-attivita' ssir fis-sala tal-Ministeru għal Għawdex;

26.3.8 George Mercieca fir-rigward tal-Wirja Viżiva '*On the Road*' li ser tittella' mill-'*Cultural Heritage Directorate*' fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex. Barra lista ta' wirt tanġibbli qed tintalab lista ta' wirt intanġibbli;

26.3.9 Raymond Grech, Segretarju tal-S.K. Victoria Wanderers. Sakemm ġiet diskussa din il-materja l-Viċi Sindku ħareġ mill-kamra minħabba kunflitt ta' nteress. Dan il-klabb applika għall-fondi mid-'*Development Planning Fund*' (DPF) amministrat mill-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) sabiex isir il-proġett tal-bini tal-klabb li ser isir fi Triq taħt Putirjal. Intbgħatu d-dettalji kollha neċessarji. Qed jintalab lill-Kunsill sabiex ikun *partner* f'dan il-proġett u l-PA tkun tista' talloka l-100% tal-fondi mitluba. Il-Kunsill mhux ser joħroġ fondi peress li l-fond ikun kollu ffinanzjat mill-PA. Il-membri qablu li l-Kunsill ikun *partner* f'dan il-proġettt;

26.3.10 is-Segretarju Eżekuttiv li resqet talba skont PSMC 3.1.9. L-akkumulu ta' 108 siegħa *leave* ġie approvat li jiġi mgħoddi għas-sena 2022. Dan għandu jiġi approvat ukoll mid-Direttur fid-Diviżjoni għal-Gvern Lokali;

26.3.11 George Mizzi, direttur artisiku ta' 'Ġrajjiet Gaudos'. Il-Kunsill ser jospita l-*crew* u jiġu offruti *refreshments*;

26.3.12 Michael u Patricia Wetton u ittra oħra mingħand Isabelle Farchy li t-tnejn jitrattaw ilment għat-talba li '*Kampnari Bakery*' qed jagħmel lill-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) sabiex jinħariġlu l-permess ta' ristorant. Sakemm ġiet diskussa din il-materja s-Segretarju Eżekuttiv ħarġet mill-kamra minħabba kunflitt ta' nteress. Il-Kunsill qatt ma daħal f'applikazzjonijiet simili li jintalbu lill-PA, peress li mhix kompetenza tal-Kunsill li jinħarġu dawn il-permessi. Għandu jintalab l-parir legali mingħand l-Avukat tal-Kunsill.

**26.4 '*New Energy efficent lighting system for St George's Square and the old streets within the City Centre in Victoria, Gozo.*' LCF/16/2020 – *update***

It-tieni offerta għalqet nhar it-Tlieta 31 t'Awwissu 2021. Intefgħu erba' offerti u ser jiġu aġġudikati mill-bord li evalwa l-ewwel offerta.

**26.5 Restawr tal-istatwi taz-zuntier tal-Kunvent ta' Santu Wisitin u San Ġorġ tal-Ħaġar.**

Billi l-unika kuntrattur li tefa' l-offerta ma provdiex la l-liċenzja tax-xogħol minn Malta u lanqas mill-Italja, il-membri qablu li tinħareġ offerta oħra. Fuq parir tal-Perit, fit-tieni offerta għandha titneħħa li min qed jitfa l-offerta għandu jipprovdi l-*warrant* Maltija, iżda jrid jipprovdi xhieda ta' mill-inqas ħames proġetti li jkun għamel fil-passat u dikjarazzjoni mill-klijent tiegħu li x-xogħol ikun sar kif suppost.

**26.6 CCTVs f'Taċ-Ċawla H.E.**

Il-Kunsill qed ikollu diffikulta kbira sabiex jikkontrolla r-rimi tal-iskart b'mod illegali f' taċ-Ċawla H.E. Wara diversi taħdidiet irriżulta li l-*area* tista' tkun sorveljata mill-LESA permezz ta' CCTV cameras. Il-Kunsill wasal fil-fażi finali sabiex joħroġ l-offerta għall-installazzjoni ta' dawn il-kameras. Minn naħa tal-Enġinier li qabbad il-Kunsill qed jigi suġġerit li biex nevitaw diversi arbli u *meters* tad-dawl, il-kameras jistgħu jitpoġġew mal-bini fuq barra tal-*blocks*. Għaldaqstant il-Kunsill ser jitlob il-permess tal-*Housing Authority* jekk dan jistax isir. Barra minn hekk il-Kunsill ser jitlob li jintuza l-*metre* tad-dawl tal-komun li hemm fil-*blocks* fejn tkun ser titpoġġa kamera u jitpoġġa l-apparat relatat (bħall-*modem*) li jkun hemm bżonn biex titħaddem is-sistema.

**26.7 Immaniġjar tat-traffiku**

*Transport Malta* (TM) approvat:-

26.7.1 tabella *dead end* fit-Telgħa ta' Majru;

26.7.2 *1 metre double yellow lines* biswit il-garaxx ta' 'Mirage', Triq Fortunato Mizzi;

26.7.3 *double yellow lines* f'kantuniera fi Triq Kerċem;

26.7.4 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' Gertrude Portelli, 67, Triq ta' Wara s-Sur;

26.7.5 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' għal sena ta' Doris Azzopardi, Blk HB, Flt, 1.

Intalab il-permess ta' TM għall- :

26.7.6 parkeġġ għall-persuni b'diżabilita' ta' Revd, Joseph Farrugia, 77, Triq Sant' Ursola;

269.7.7 *Stop* miżbugħa fl-art fit Triq Pompei kantuniera ma Triq Għajn Qatet;

Korrispondenza relatata mat-traffiku

26.7.8 Is-Sindku għarraf lill-membri li kellu suġġeriment sabiex isiru *road humps* fi Triq Vaini peress li qed ikun hemm sewqan eċċessiv. Intbagħtet ittra lir-residenti sabiex il-Kunsill jara jekk hemmx minnhom li jaċċettaw li r-*road hump* issir quddiem id-dar rispettiva tagħhom.

26.7.8 Tressqet petizzjoni mir-residenti ta' Triq Sir Paul Boffa fejn qed jilmentaw bil-vetturi tqal li mhux suppost jgħaddu minn din it-triq. Il-Pulizija u l-Gwardjani Lokali qed jagħmlu r-ronda tagħhhom u nħarġu xi ċitazzjonijiet.

26.7.9 Tressqet ittra tal-Avukat Mario Scerri li kiteb għan-nom ta' Elizabeth Paulsen ta' 40, Triq il-Librerija. Qed titlob li l-Kunsill jaċċetta li jitneħħa *double yellow line* li sar quddiem ir-residenza tagħha. Il-membri ma sabux oġġezzjoni dment li titħalla n-*no waiting sign* li hemm diġa' f'din il-parti tat-triq.

26.7.10 Is-Sindku ressaq suġġeriment sabiex Triq Sir Luiġi Camilleri ssir *one way* minħabba li hi dejqa u fija l-parkeġġ fuq karreġjata minnhom.. Tressqet pjanta tal-Perit li turi li t-traffiku jista' jidħol biss minn naħħa ta' Trejqet l-Exchange. Jekk il-proposta tkun hekk, id-diffikulta tinħoloq bit-trasport tal-iskejjel fejn il-*buses* ikunu jridu jgħaddu minn Triq l-Ewropa 'l fuq. Il-membri qablu li l-Perit għandu jagħmel pjanta li turi li għal Triq Sir Luiġi Camilleri ma tistax tidħol minn Trejqet l-Exchange.

26.7.11 Tressqet korrispondenza mingħand il-Kunsill tal-Fontana fir-rigward tal-egħluq tat-toroq f'din il-lokalita' nhar ta' Sibt. Il-Kunsill tar-Rabat jibqa jsostni li meta jingħalqu toroq fir-Rabat, għandu jkun ikkonsultat qabel.

**26.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Ġew approvati l-pagamenti għax-xahar ta' Settembru 2021 skond dokument A anness.

**26.9 Xogħlijiet oħra**

Il-membri qablu li:-

26.9.1 bankina quddiem garaxx fl-indirizz 14, Triq Sir Luiġi Camilleri tinbidel f'rampa peress li s-sid ser juża l-garaxx bil-vettura tiegħu;

26.9.2 ssir bozza ġdida fi Triq Mro Dirjano Lanzon kantuniera ma' Triq Francesco Masini peress li hemm id-dlam;

26.9.3 jitmexxa x-xogħol fuq iż-żewġ arbli li għandhom isiru fit-telgħa tal-Lunzjata. L-istima tal-Enġinier hi €3,789.19;

26.9.4 jitpoġġa *litter bin* żgħir fi Triq Palma f'kantuniera li maġenbha ma joqgħod ħadd;

26.9.5 rigward il-parkeġġi li hemm fi Triq Repubblika u li huma riservati għall-*Go To Car Sharing*, il-membri qablu li l-kumpanijia li tieħu ħsiebhom għandha tiġi nfurmata li l-Kunsill irid li dawn jitneħħew minħabba li qedgħin quddiem djar privati u minflok jitpoġġew tefgħa ta' ġebla 'l bogħod fil-parkeġġ il-kbir ta' wara l-*bus terminus*.

**26.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa spiċċat fis-19:30 u laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 25 ta' Ottuburu, 2021 fil-17:00.

| | |
|---|---|
| Josef Schembri | Miriam Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |